**TARXIEN**
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 14/2025**

Data: Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2025

Ħin: 18:00

Bdiet: 18:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

TARXIEN
Local Council

**14.1 Ittri ta' apoloġija**

14.1.1 Is-Sindku semma li kemm is-Sa. Anabelle Marmara, is-Sur Glenn Urry kif ukoll is-Sur Dasier Damato talbu li jkunu skużati minn din il-laqgħa. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill approva li l-Kunsilliera imsemmija jkunu skużati.

**14.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 13**

14.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.11 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**14.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 12**

14.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Darlene Vella u s-Sa. Nicole Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' Mejju 2025 u d-19 ta' Ġunju 2025 li kienet tammonta għal €44,474.10

**14.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 13**

| | |
|---|---|
| **14.4.1 Ground Supervisor** | Is-Sindku semma li l-kwotazzjonijiet kienu nġabru u kienu wkoll ġew preżentati. Il-Kunsill iddeċieda li jmur għall-orħos kwotazzjoni għas-servizz bir-rati provduti ta' matul il-ġimgħa.<br>Kien hemm ukoll qbil li l-Bye-Law il-Kunsill ser iżomm dik li għandu li saret snin ilu meta nfetaħ il-grawnd. Semma wkoll li r-rata dak iż-żmien kienet ta' Lm15 u għaldaqstant wieħed jista' jikkonverti dik il-figura għall-Euro.<br>Kien hemm qbil ukoll li l-grawnd jinfetaħ bejn il-17:00 u t-20:00 min-nhar il-21 ta' Lulju 2025. Semmew li għalissa l-applikazzjonijiet kienu ser jidħlu manwali imma ser jaraw kif forsi l-parti tal-App tal-Kunsill forsi tkun tista' tiġi żviluppata qabel u tibda tintuża. |

**14.4.2 Rivista Kunsill Lokali Tarxien**

Is-Sindku rringrazzja lis-Sa. Nicole Farrugia li lestiet edizzjoni oħra tar-rivista. Semma li din bdiet titqassam. Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li hija nkludiet il-punti ta' kull Kunsillier li kien għaddijlha l-informazzjoni. Semmiet ukoll li trid tibda tintbagħat kopja lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u anki l-Bibbjoteka Nazzjonali.

**14.4.3 Triq San Anard**

Is-Sindku semma li Triq San Anard kienet lesta mit-tarmak. Semma li l-garaxxijiet għadhom m'humiex immarkati u li jridu jeħlu l-bollards fuq il-linji sofor ta' ħdejn central strip.

**14.4.4 Impjegati ġdida – Administrative Officer II**

Is-Sindku semma li l-impjegata qed tagħmel ħafna xogħol siewi mal-kumplament tat-tim. Kien hemm ukoll qbil li jinxtara s-SAGE software.

**14.4.5 Framework Agreement – Public Works Department**

Is-Sur Neil Portelli semma li ser ikun qed jiltaqa' mal-Perit responsabbli minn dawn ix-xogħolijiet.

**14.4.6 Statwa ġewwa Vjal Simmons**

Is-Sindku semma li l-Perit qed tapplika għal DNO. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li għad hemm il-problema ta' 22% VAT fuq ix-xiri ta' din l-istatwa. Is-Segretarju talbet lis-Sindku sabiex jara jsibx jixtri l-istatwa minn stabbilment ieħor sabiex inkunu wkoll konformi ma' dak li ssuġġerixxa l-Compliance Unit tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**14.4.7 Triq Sqajjaq**

Is-Sindku semma li z-Zebra Crossing fi Triq Sqajjaq li hemm problema ta' kif ser ikun qed jgħaddi l-elettriku sabiex tinxtegħel. Jidher li l-pajpijiet jistgħu jitilgħu man-naħa l-oħra tat-triq fejn m'hemmx il-kaxxa tad-dawl kif ukoll l-linja tal-istreet lightning. Semma li ser

TARXIEN
Local Council

jara jekk hux possibbli li tingħabar kwotazzjoni biex dawn jinxtegħlu bl-enerġija solari kif ukoll jintalab l-enemalta kemm jiswa sabiex jiġi installat arblu ieħor.

**14.4.8 Attivitajiet Sportivi u Fiżiċi**

Is-Sindku semma li l-poster tas-sessjonijiet tal-għum ġewwa l-pixxina tal-Kottonera kien ħareġ u l-Kunsill kien qed jiġbor il-lista ta' applikanti.
Semma wkoll li s-sessjonijiet taz-Zumba kienu sejrin tajjeb ħafna.

**14.4.9 Kurunell Mas**

Is-Sindku semma li l-manutenzjoni fuq dan l-ispazju miftuħ kien ser jibda fil-ġranet li ġejjin. Semma wkoll li kienu ġew ordnati xi bandli sabiex ikunu installati fiż-żona. Semma wkoll li kienu ordnati xi bins sabiex jinbiddlu ma' dawk li hemm bħal issa.

**14.4.10 CCTVs Misraħ St. Agatha**

Is-Sindku semma li hemm ukoll problema ta' kif ser jgħaddi d-dawl sabiex dawn jinxtegħlu. Semma li ser ikun qed jiltaqgħa mal-electrician sabiex tinstab soluzzjoni.

**14.4.11 Joanne Garden**

Is-Sindku semma li fil-ġimgħa li ġejja kien ser jinbidel il-madum li hemm imkisser wara li l-Kunsill kien ġab kwotazzjoni.

**14.4.12 Permessi ta' No Parking quddiem Palazzo Abela**

Is-Sindku semma li kif kien deċiż huwa ltaqa' fuq il-post ma' sid is-sala. Semma li meta jkun hemm tieġ ser ikunu qed joħorġu permessi ta' No Parking fi żewġ parkeġġi quddiem il-bieb u jkun hemm tliet permessi oħra għall-kuntrattur li jkun ser jiprovdi l-ikel. Semma wkoll li jekk jieħdu xi parkeġġi ġewwa Triq il-Knisja dawn jitnaqqsu minn dawk imsemmija.

**14.4.13 Xogħlijiet fil-Latrina Pubblika**

Is-Sindku semma li x-xogħolijiet ser ikunu qed jibdew matul is-sajf.

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

**14.4.14 Traffic Calmers**

Is-Sindku semma li kienet twaħħlet traffic calmer ġewwa Triq ix-Xintil. Semma li din kienet intalbet minn diversi residenti u nies li jmorru jixtru mill-ħwienet tal-viċin. Semma wkoll li l-Kunsill kien irċieva ittra minn xi resident biex din titneħħa. Semma li din it-traffic calmer mhux qieghda quddiem residenti u għaldaqstant għalhekk ma kinux inġabru firem mir-residenti. Semma li l-Kunsill jitlob għal dawn il-firem jekk kemm-il darba jkunu ser jiġu nstallati quddiem residenti. Semma li din hija proċedura u mhux rikjesta mill-ebda proċedura jew liġi. Is-Sindku semma li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni minn familja li jgħixu fil-viċinanzi u li qed jitolbu sabiex din tinqala'. Is-Sindku semma li din ġiet installata bil-permessi kollha minn TM u għaldaqstant kienet regolata.

**14.4.15 Ismijiet ta' toroq**

Is-Sindku semma li għaddejja komunikazzjoni fuq l-isimijiet ta' toroq bħal Triq il-Gudja li jidher li din lanqas biss qieghda fuq ir-reġistru elettorali u hija l-biċċa ta' quddiem in-Niċċa tal-Madonna ma' Triq tal-Barrani. Semma wkoll li qed jiċċekjaw sabiex tiġi msemmija l-pjazza kif kien approvat mill-Kunsill.

**14.4.16 Cat feeders**

Is-Sindku semma li t-tabelli hekk kif proposti u approvati mill-Kunsill kienu lesti u twaħħlet waħda ġewwa Triq il-Kbira. Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li dawn it-tabelli intalbu fuq talba tal-cat feeders stess għaliex ħafna minnhom m'humiex qed isibu l-qtates tal-kolonja tagħhom. Semmiet apparti minn hekk residenti oħra jitimgħu ikel li ma jistax jingħata l-qtates u qed ikun hemm ħafna li jimirdu.

Il-kunsilliera preżenti semmew li qed ikun hemm ħafna jitimgħu l-qtates u li m'humiex reġistrati mal-Kunsill u mhux inadfu warajhom.

Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li hekk kif rikjest il-Kunsill kull erba' xhur qed jibgħat lista aġġornata lill-Animal Welfare sabiex ikun aġġornat ir-reġistru.

**14.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

14.5.1 Is-Sindku semma li reġa' kien hemm xi inċidenti ġewwa Triq Annunzjata ma' Triq Dun Karm. Is-Sur Neil Portelli semma li l-Kunsill ħa l-miżuri kollha sabiex jimmitiga dawn l-aċċidenti imma wieħed jista' jerġa' jiftaħ id-diskussjonijiet fuq traffic management taż-żoni tal-madwar.

14.5.2 Is-Sindku xtaq jieħu l-opportunita' sabiex jirringrazzja lill-Kunsilliera kollha għall-ħidma tagħhom tul din is-sena ta' leġislatura.

14.5.3 Is-Sa. Nicole Farrugia ssuġġeriet li l-laqgħat forsi jibdew ikunu live streamed fuq Facebook ukoll. Is-Sindku u l-Kunsilliera preżenti ma qablux li jkunu live streamed peress li ħafna drabi dawn il-laqgħat li qed ikunu streamed live ikunu użati b' mod ħażin mill-pubbliku b'ħafna kummenti li ma jagħmlux ġid il-ħidma tal-Kunsill. Għaldaqstant kien hemm qbil li qabel il-laqgħa jkun jista' jiġi xxerjat fuq Facebook il-link li wieħed ikun jista' jsegwi l-online streaming.

**14.6 Intervisti għall-Post Vakant ta' Segretarju Eżekuttiv**

14.6.1 Is-Sindku spjega li l-intervisti li suppost saru l-jum ta qabel kellhom jiġu sospiżi wara li l-Kunsill kien innotifikat mid-Direttur Ġenerali li l-Board tal-Għażla maħtur u approvat mal-Kunsill Lokali ma kienx konformi mal-proċess li d-Dipartiment bagħat lill-Kunsill mas-sejħa. Semma li skond il-komunikazzjoni mibgħutha, l-Kunsill ma kienx żamm ma klawżola 3.2 tal-proċess fejn din tindika l-Board għandu jkun kollu kompost mill-Kunsilliera tal-istess lokal mingħajr membri esterni.

14.6.2 Is-Sindku semma li huwa mhux qed jaqbel ma' din id-direzzjoni mposta fuq il-Kunsill. Semma li huwa bħala Sindku m'huwiex komdu li jkun fuq Board għaliex dan m'huwiex il-qasam tiegħu u jemmen li hemm nies li għandhom kompetenzi aħjar sabiex jagħżlu l-ħaddiema tal-Kunsill speċjalment is-Segreatrju Eżekuttiv tal-Kunsill.

14.6.3 Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li minkejja li hija parti mill-Board tal-Għażla, mill-esperjenza ta' intervisti simili hija mhux komda tagħmel l-intervisti waħidha mingħajr esperti fil-qasam għaliex kienu ż-żewġ persuni esterni li staqsew l-aktar

mistoqsijiet validi u li joħorġu vera min hu l-persuna li għandhom quddiemhom għall-intervista. Għaldaqstant hija ma taqbilx ma' klawżola 3.2 tal-proċess stabbilit mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

14.6.4 Is-Sur Neil Portelli semma li huwa ma jaqbilx ukoll li s-Segretarji Eżekuttivi qed jissejħu position of trust. Semma li s-Segretarju huwa tal-Kunsill u mhux tas-Sindku jew ta' Kunsillier partikolari.

14.6.5 Is-Sindku semma li huwa jinstab preokkupat fuq dan is-suġġeriment anki fid-dawl li ħafna mill-Kunsilliera tal-Kunsill huma position of trust jew jaħdmu ma' Ministeri differenti u li jista' jġib kunflitt anki bejn il-kunsilliera jew il-kandidati.

14.6.6 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Nicole Farrugia u bi qbil unanimu huma ma jaqblux ma' klawżola numru 3.2 tal-proċess tal-linji gwida. Dan skond dak li spjegat fil-punti msemmija u wara kollox fejn il-Board tal-Għażla kompost minn membri tal-Kunsill kif ukoll dawk esterni kien approvat mill-Kunsill stess.

14.6.7 Is-Sa. Darlene Vella semmiet ukoll kif minkejja li hija fuq il-Board tal-Għażla huwa ta' serħan il-moħħ li jkun hemm nies esterni u esperti fil-qasam biex jgħinu lill-Kunsill jagħmel l-aħjar għażla possibbli.

14.6.8 Is-Sur Neil Portelli semma li d-deċiżjoni tal-Kunsill hija ċara u li issa hemm qbil ukoll li l-proċess ikun sospiż sakemm tkun riżolta din il-kwistjoni.

**14.7 Proġett tal-Pjazza**

14.7.1 Is-Sindku semma li kien hemm l-ewwel laqgħa mal-kuntrattur fil-preżenza tal-Periti minn Infrastruttura Malta. Semma li għal-laqgħa attenda s-Sur Neil Portelli flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

14.7.2 Is-Segretarju semmiet li l-proġett ser ikun qed jinbeda nhar il-21 ta' Lulju immedjatament wara l-festa tal-Madonna tad-Duttrina. Semmiet li kien hemm bzonn li l-Kunsill jiddeċiedi fuq:

- Li tintalab approvazzjoni ta' rotta alternattiva għat-transport pubbliku sabiex waqt ix-xogħolijiet dan ikun eliminat kompletament mill-pjazza.
- Issir konsultazzjoni mal-komunita' kummerċjali li hemm il-pjazza sabiex jgħarfuhom kif ser ikunu qed isiru d-deliveries waqt ix-xogħolijiet.
- Isir u jkun approvat traffic management taż-żona
- Jitneħħew il-parkeġġi mal-ġenb tal-Knisja sabiex il-kuntrattur ikun jista' juża dak l-ispazju sabiex jaħżen xi supplies li ser ikunu qed jintużaw.

14.7.3 Fuq dak propost waqt il-laqgħa, is-Sindku ppropona li għandu jkun hemm qbil fuq kif kien issuġġerit li nipproċedu mportanti biss li fil-21 ta' Lulju wara l-Festa tad-Duttrina jħalluhom iżarmaw l-armar. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Neil Portelli b' approvazzjoni ta' dawk preżenti.

14.7.4 Is-Sindku semma wkoll li kien hemm laqgħa fil-preżenza tal-Perit flimkien mal-Arċipriet. Is-Sindku semma li l-Arċipriet issuġġerixxa li d-dawra maz-zuntier tingħalaq bil-bollards. Is-Sindku semma li jridu jitneħħew żewġ parking spaces u jsir dawl biex jiġi mmaniġjat it-traffiku fuq wara tal-knisja. Semma wkoll li qed ikun propost li l-istage jiġi quddiem il-Pretorja Bar.

14.7.5 Fuq proposta tas-Sindku kien deċiż li ssir laqgħa adhoc sabiex jiġi diskuss il-proġett tal-Pjazza.

**14.8 Aġġornament**

14.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fi-sebgħa ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 14 ta' Lulju 2025 fil-17:00 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**